# L-euro diġitali: Fejn wasalna?

**Emmanuel J. Cachia**

**Bank Ċentrali ta' Malta**

Il-flus qed jinbidlu b'pass li anke sa ftit snin ilu kien jidher impossibbli. Fl-aħħar għaxar snin biss, il-kards tal-kreditu u tad-debitu, flimkien mat-telefowns ċellulari, saru mezzi komuni fi tranżazzjonijiet finanzjarji jew biex isir xiri ta' prodotti u servizzi. Minħabba f'hekk, il-karti tal-flus u l-muniti saru jintużaw dejjem inqas u qed jagħmlu wisa' għal dawk diġitali.

Hekk kif it-tensjonijiet ġeopolitiċi żdiedu, kibret il-ħtieġa għal infrastruttura Ewropea tal-pagamenti diġitali li tkun reżiljenti u integrata. Din isservi biex tissalvagwardja l-aċċess għall-flus maħruġa mill-bank ċentrali f'ekonomija dejjem aktar diġitali, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza tal-Ewropa fuq fornituri ta' sistemi ta' pagamenti mhux Ewropej. F'dan il-kuntest, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ilu snin iħejji għat-tnedija tal-euro diġitali – verżjoni elettronika tal-karti tal-flus tiegħu, jiġifieri l-euro – bil-għan li jipprovdi lill-pubbliku għażla sigura u affidabbli għall-pagamenti diġitali.

L-Ewropa mhijiex waħedha f'dan il-proċess. Aktar minn 130 pajjiż madwar id-dinja qed jesploraw jew diġà nedew il-munita diġitali tagħhom. Minkejja li l-kunċett jidher sempliċi, l-implikazzjonijiet huma estensivi u potenzjalment kumplessi, kemm għall-individwi kif ukoll għas-sistemi finanzjarji.

## Infrastruttura strateġika għall-euro

L-euro diġitali ser ikollu l-istess validità bħal karta tal-flus, iżda fil-forma diġitali, u jinħareġ direttament mill-BĊE bl-involviment ta' intermedjarji.

L-euro diġitali ser jinżamm f'kartiera virtwali. Għalkemm l-użu tiegħu jista' jidher simili għal dak ta' kard ta' bank kummercjali jew app ta' pagament, hemm differenza fundamentali: l-euro diġitali fil-kartiera virtwali ser ikun flus maħruġa mill-BĊE u distinti minn flus depożitati f'bank privat.

Filwaqt li l-kards tad-debitu ser jibqgħu jiddependu fuq kontijiet bankarji tradizzjonali, l-euro diġitali ser jixbah aktar lill-flus kontanti fil-but tiegħek – iżda fil-forma elettronika.

L-euro diġitali mhux ser jintuża biex jittieħed self jew isiru investimenti, u lanqas mhu ser jiġġenera imgħax. Ser ikun sempliċement mezz ta' ħlas, bħall-flus kontanti, kards jew servizzi ta' trasferimenti online. Il-BĊE mhux ser iwettaq il-funzjonijiet ta' bank kummerċjali u mhux ser jiftaħ kontijiet personali. Il-kartieri diġitali nfushom ser jiġu pprovduti minn intermedjarji liċenzjati, bħal banek kummerċjali u istituzzjonijiet finanzjarji, l-istess kif bħalissa jagħmlu bil-prodotti li joffru. In-negozji ser ikunu obbligati jaċċettawh, bl-istess mod kif jaċċettaw il-flus kontanti.

Karatteristika ewlenija hija li l-euro diġitali ser jaħdem ukoll meta ma jkunx hemm konnessjoni tal-internet, li tippermetti pagamenti f'żoni rurali jew fil-każ ta' qtugħ tan-network. Dan jiddistingwih mis-servizzi bankarji diġitali attwali.

**Il-Parlament Ewropew**

Fil-11 ta' Frar 2026, il-Parlament Ewropew ta l-ewwel appoġġ politiku sostantiv tiegħu għall-ħolqien tal-euro diġitali meta approva l-mandat ta' negozjar tal-Kunsill għall-iżvilupp ta' munita diġitali ta' bank ċentrali li tista' tintuża kemm online kif ukoll offline.

Din l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew timmarka pass kruċjali fil-proċess leġiżlattiv. Mingħajr l-approvazzjoni tal-Parlament, il-BĊE ma jistax joħroġ l-euro digitali, li hu indikat li tista' ssir realtà fl-2029, għalkemm id-data tat-tnedija tiddependi fuq id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew.

Tliet punti li ddominaw id-dibattitu: il-privatezza, l-istabbiltà bankarja, u l-inklużjoni finanzjarja.

**Il-privatezza u l-kartiera diġitali**

Il-privatezza hija waħda mill-punti mill-aktar sensittivi. Il-Membri tal-Parlament Ewropew talbu salvagwardji kontra r-riskju li t-tranżazzjonijiet ta' persuni jiġu individwati mill-awtoritajiet. Sabiex dan

jiġi indirizzat, il-BĊE qed jippreżenta euro diġitali li jiżgura li la l-gvernijiet u lanqas il-banek ċentrali, inkluż il-BĊE nnifsu, ma jkollhom aċċess la għad-dettalji tat-tranżazzjonijiet u lanqas għall-bilanċi fil-kont tal-euro digitali miżmuma miċ-ċittadini. L-istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati biss ser ikollhom aċċess għal din l-informazzjoni, l-istess kif jiġri llum.

Il-pagamenti offline huma mistennija joffru l-istess livell ta' privatezza bħal dak tal-flus kontanti, filwaqt li t-tranżazzjonijiet online jibqgħu soġġetti għar-regoli ta' sorveljanza kontra l-ħasil tal-flus. Għalhekk, l-euro diġitali huwa mfassal biex joffri livell għoli ta' privatezza, qrib ħafna ta' dak li jagħtu l-flus kontanti.

**L-euro diġitali u s-sistema bankarja**

L-istabbiltà tas-sistema bankarja kienet ukoll punt ieħor li kien diskuss ħafna. Il-banek urew tħassib li trasferimenti tal-euro fuq skala kbira minn kontijiet bankarji għal kartieri diġitali jistgħu joħolqu nuqqas ta' likwidità fil-banek kummercjali billi jdgħajfu l-bażi ta' finanzjament tagħhom. Sabiex jissalvagwardja l-istabbiltà tas-sistema bankarja, il-BĊE ser jillimita l-ammont tal-euro diġitali li persuna tista' żżomm fil-kartiera diġitali tagħha. Apparti dan, il-flus tal-euro miżmuma fil-kartiera diġitali mhumiex ser jaqilgħu imgħax fuqhom sabiex dan jiskoraġġixxi ċaqliq ta' likwidità fuq skala kbira mill-kontijiet fil-banek kummercjali.

**L-euro diġitali u l-inklużjoni finanzjarja**

L-inklużjoni finanzjarja kienet ukoll tema prominenti. Il-Parlament Ewropew insista li l-euro diġitali jrid ikun aċċessibbli għal kulħadd, inkluża l-funzjonalità offline, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini anzjani u persuni b'nuqqas ta' ħiliet diġitali ma jiġux esklużi mis-sistema tal-euro diġitali.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew appellaw ukoll lill-BĊE sabiex il-pagamenti diġitali ma jkunux kompletament dipendenti fuq atturi privati li mhumiex Ewropej, u jevita li jinħolqu dipendenzi strateġiċi ġodda u frammentazzjoni finanzjarja.

Filwaqt li l-proċess leġiżlattiv għadu għaddej, it-tama hi li l-Parlament Ewropew itemmu din is-sena, li jkun madwar tliet snin wara li l-Kummissjoni Ewropea nediet dan il-proċess. Madanakollu, il-BĊE għadda mill-fażi ta' ppjanar għal dik tan-negozjar ma' fornituri, bil-għan li l-euro diġitali jsir realtà li taħdem fl-iqsar żmien possibbli hekk kif il-Parlament Ewropew japprova l-leġiżlazzjoni.

**Riskji**

F'kulma nagħmlu fil-ħajja tagħna ma hemm xejn li hu mingħajr riskju. Infrastruttura ta' pagamenti li sservi miljuni ta' Ewropej tista' tkun fil-mira għall-attakki ċibernetiċi. Dan huwa riskju reali anki għas-sistemi li nużaw illum.

Dan ifisser li huwa essenzjali li l-euro diġitali jkun inklużiv u aċċessibbli. Dan jista' jinkiseb permezz ta' disinn teknoloġiku li jippermettilu jiffunzjona offline u fuq apparat sempliċi, apparti investiment f'sistemi li jnaqqsu r-riskju li attakki ċibernetiċi jirnexxilhom iwaqqfu s-servizz. Ta' min jgħid li dawn it-tip ta' riskji, flimkien ma' dak ta' nuqqas ta' provvista tal-elettriku fuq livelli nazzjonali, bħalma ġara fi Spanja u l-Portugall fl-2025, joħroġ l-importanza tal-użu tal-karti tal-flus bħala kontinġenza f'dawn is-sitwazzjonijiet meta sistemi elettroniċi ma jkunux qed jiffunzjonaw.

**Introduzzjoni sal-2029?**



Il-BĊE bħalissa qiegħed jiżviluppa l-infrastruttura teknika u r-regoli tal-iskema li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-euro diġitali. Il-Bank Ċentrali ta' Spanja ġabar fil-qosor dan il-proċess fi skeda ta' żmien, li turi l-istadji ta' kif l-euro diġitali ser jasal lejn t-tnedija tiegħu, li hu antiċipat li jseħħ fl-2029:

•2026-2027: Żvilupp teknoloġiku u proġetti pilota f'diversi pajjiżi Ewropej

•2028: Tnedija ta' programm ta' użu limitat għal negozji u ċittadini magħżula

•2029: Possibbiltà ta' ħruġ uffiċjali tal-euro diġitali fiż-żona tal-euro kollha. Dan l-istadju finali jseħħ biss jekk il-fażijiet tat-test ikunu sodisfaċenti, u jekk kemm-il darba l-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal-leġiżlazzjoni tal-euro diġitali.